MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2001

Avviz Numru. 464/1998/1

**Avviz Nru 464/98DM**

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Paul Camilleri u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2000 stante l-mewt tal-imsemmi Paul Camilleri l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Mario Camilleri**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' tmiem mija u seba u sittin liri Maltin u hmistax l-centezmu (Lm867.15), rapprezentanti d-danni li l-konvenut ikkaguna lill-atturi meta nhar l-23 ta' Awissu 1995 l-konvenut laqat telephone

cable propjeta tal-atturi u dana waqt li l-konvenut kien qieghed jessegwixxi xoghlijiet f'Old Railway Track – Birkirkara, u dan kif jirrizulta mid-dokument A sa C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1997 kontra il-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-konvenut mhux responsabbli ta' ebda danni illi allegatament ikkaguna lil Maltacom plc waqt li kien qed jaghmel xoghol 'Old Railway Road, Birkirkara u dana peress illi t-'telephone cable' li hdejh kienu qed isiru x-xoghlijiet kien f'post hazin u ma kienx fil-post li suppost kien u lanqas ma kien imqieghed skond is-sengha li soltu jitpoggew cables ta' dan it-tip;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-atturi senjatament mid-deposizzjonijiet tax-xhieda taghhom jirrizulta illi l-hsara illi sofrew il-'cables' tal-kumpanija attrici kienu effettivament gew ikkawzati mill-konvenut Paul Camilleri illi kien laqghat il-'cable' tal-Maltacom meta kien qieghed jhaffer trinka f'Old Railway Road, B'Kara.

Ghalkemm ma jirrizultax illi l-konvenut wera xi grad estrem ta' negligenza fix-xoghlijiet li kien qieghed jghamel u lanqas ma jirrizulta illi kien hemm xi indikazzjoni partikolari biex juru illi kien setgha qaddej xi 'cable' mill-

lokal , jirrizulta illi l-konvenut meta ghazel illi jhaffer go triq pubblika ma ghamilx l-applikazzjonijiet neccessarji biex jigi moghti permess jhaffer u jsiru l-indikazzjonijiet tieghu dwar xi ‘cables’ illi setghu kienu qaddejjin minn fejn ried jhaffer.

Inoltre jirrizulta illi l-istess konvenut kien iddikjara espressament permezz ta’ dikjarazzzjoni iffirmata afol 25 tal-process mmarkata dokument JF1 illi huwa kien qieghed jassumi r-responsabbilta kollha ghal hsarat u obbliga ruhu li jirrimedihom.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirizulta gustifikata u ghandha tigi ikkonfermata; u

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghdha tikkundannaha lil konvenut sabiex jhallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ LM867.15 (tmien mija u sebgha u sittin liri Maltin u hmistax il-centezmi);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

-------------------------------TMIEM-------------------------------